**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 56 – IT-TNEJN 25 TA' OTTUBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru ħamsa u ħamsin (55) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-12 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru 2010.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit għamlet referenza għall-

korrispondenza Nru. 2503/10 mill-laqgħa preċedenti. Din kienet dwar l-applikazzjoni PA 03801/10 li kien daħħal il-Perit tal-Kunsill fuq il-bini ġdid tal-Kunsill Lokali. Hi staqsiet għaliex din tniżżlet bħala "Proposed construction of multi-purpose use building".

Is-Segretarju weġibha li dan kien it-titlu kif daħħal l-applikazzjoni il-Perit tagħna għaliex fil-fatt dan il-bini kien sejjer jintuża għal ħafna skopijiet; hu żied jgħid li dan it-titlu jibqa' jintuża mill-Mepa fuq kull korrispondenza.

Doc. A u B anness

## 1 ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-12 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward talba Nru. 12/10-1 biex fl-aħħar parti ta' Triq Stefano Erardi (bejn Triq il-Klin u Triq San Mikiel) issir ukoll bit-tabelli tar-residents parking minħabba li r-residenti mhux qed isibu parkeġġ. Il-Kunsill lokali ma jistax iżid l-iskema għaliex din hija miftehma ma' l-Awtorita' Trasport Malta u m'humiex jaċċettaw tibdiliet.

3.3 Rigward talba 12/2-2 biex isir 'double-yellow line' quddiem il-garaxxijiet li hemm Trejqet ir-Rumanzieri kantuniera ma' Triq Karm Vassallo. Il-Kunsill qal li diġa hemm "id-double yellow line " fil-kantuniera u s-sid għandu jagħmel l-avvizi biex ma' jipparkja ħadd quddiem il-garaxjijiet kif titlob il-liġi.

3.4 Dwar ilmenti Nru. 132952, 13/10-1, 133472, 133701, 133867 u 25/10-1, bozoz maqtugħa; dawn kollha ġew irrapurtati lill-Enemalta.

3.5 Dwar ilment 22/10-1 biex issir sorveljanza ta' spiss fi Triq Gwann Mamo mill-Gwardjani minħabba parkeġġ bl-addoċċ. Il-Kunsill qal li diġa hemm sorveljanza mill-Gwardjani tar-rotta.

3.6 Dwar rapport 22/10-2 li nieżel kwantita' kbira ta' tajn minn Triq Prinjol u dan ħammeġ it-toroq kollha sa Triq Dun Karm. Il-Kunsill kien investiga dan il-kaz u għamel ir-rapport tiegħu. Iżda sejjer jerġa jikteb lill-Pulizija tad-Distrett biex jara li dan il-każ ma' jerġax jirrepeti ruħu.

3.7 Dwar rapport 22/10-3 li fi Triq ir-Razzett l-Ahmar hemm Barriera ħdejn l-arblu tan-Net u kull meta tagħmel ix-xita jinżlu t-trakkijiet bil-ħamrija u jħammġu t-triq kollha u din jagħlaqha bil-ħamrija li tinżel kollha max-xita. Biex forsi

tinqata' din il-prattika. Il-Kunsill sejjer jikteb ukoll lill-Pulizija biex jieħdu passi.

3.8 Dwar rapport 22/10-4 li waqa' ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Richard Taylor. Il-Kunsill sejjer jitlob lis-sid biex jieħu passi.

3.9 Dwar rapport 22/10-5 li sar inċident fi Triq Dun Karm u s-siġar li tqaċċtu tpoġġew fil-kantuniera ta' Triq Ċensu Busuttil. Dawn issa tneħħew minn ta' l-Agrikultura.

3.10 Rigward mistoqsija 22/10-6 dwar hijiex taħdem il-'camera' ta' Triq Geronimo Abos. Il-Kunsill jkkonferma li din taħdem dejjem.

3.11 Rigward rapport Nru. 22/10-7 li fi Triq Ġuze' Galea qed jkun hemm ħafna siringi. Il-Kunsill għamel rapport lil tad-Drug Squad biex jinvestigaw dan il-kaz.

3.12 Rigward talba għall-informazzjoni Nru. 22/10-8 għaliex qatt ma' Itaqa' s-sottokumitat tas-Sindku. Dan għandu jiltaqa' dalwaqt.

3.13 Rigward mistoqsija Nru. 22/10-9 jekk jidhrux l-ilmenti fuq il-minuti. Dan is-suġġett jiġi diskuss dejjem skond l-Agenda Nru. 3. u jinstabu dejjem f'paragrafu Nru. 3 tal-Minuti.

3.14 Rigward ilment Nru. 22/10-10 li qed jinstabu l-ġrieden fi Triq Ġuże' Galea, Il-Kunsill għamel rapport ma' tas-Sanita'.

3.15 Rigward rapport Nru. 133788 li hemm arblu quddiem dar nru. 16 Triq Guze' Ellul Mercer li għandu l-wires qiegħdin jisparkjaw. Il-Kunsill, barra li bagħat rapport lill-Enemalta, sejjer jieħu passi u jkellem lill-forman dirett.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni għaż-żewġ items nru. 21 u 22 li dehru fuq il-lista tal-pagamenti li kienu dawk tal-WastServ Malta Ltd. Hu qal li peress lid-Dipartiment kien alloka s-somma ta'
€13,197 għat-'Tipping Fees' qabel ma jitħallas l-aħħar pagament li rċevejna ta' Lulju ridna naraw jekk kienitx diġa intużat is-somma kollha minn Jannar.

4.3 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku

Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.4 Is-Segretarju ressaq ir-Rendikont ta' Ħarġa Kulturali 2010 li ġie moqri mis-Sindku.
Dan ġie approvat mill-Kunsilliera kollha.
Doc. E anness

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għal-ħażna fil-miftuħ, tisbieħ ta' l-art ta' madwar' u terġa 'ssir art għal-biedja. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.3 Dwar PA05268/08. Sit ħdejn tat-Tabib. Titjib fl-ambjent, li jinkludi pool u ħajt madwaru reservoir ġo razzett u approvazzjoni tal-ħitan eżistenti. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 01129/10. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos. Hatt tad-dar eżistenti, bini ta' erba' postijiet residenzjali, tlett garaxijjiet u ħanut. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 03444/09. The Model Shop, Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm. Permess biex jinbeda l-proċess ta' bini żgħir ġewwa fis-sular eżistenti t'isfel.Tibdil fl-uzu minn residenzjali għal kummerċjali fl-ewwel sular u biex jingħaqdu ma' l-uffiċċju fl-ewwel sular. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 00334/10. Sit fi Triq Patri Marjanu Vella c/w Triq Censu Busuttil. Titjib fl-iskema tal-parkeġġ u traffic management. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.7 Dwar PA 00412/10. 118, Triq Patri Anastasju Cuschieri c/w Pjazza Ninu Cremona. Tinħatt id-dar preżenti u jinbnew garaxxijiet semi-basement, appartament mat-triq , l-ewwel u t-tieni appartament, u penthouse mas-sular tal-bejt. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.8 Proġett tal-Kunsill Lokali Iklin. Biex jitpoġġew tabelli informattivi f'dawn it-toroq:
PA 05322/09 fi Triq Erin S. Inglott c/wTriq A. M. Caruana
PA 05323/09 fl Triq Erin S. Inglott c/w Triq Gharghur.
PA 03985/09 fi Triq Erin S. Inglott c/w Triq A. M Caruana u c/w Triq Gharghur

PA 03987/09 Triq ir-Razzett l-Aħmar c/w Triq il-Ħwawar c/w Triq in-Namur
PA 05076/09 Triq off San Mikiel li li tagħti għall-Kappella ta' San Mikiel c/w Triq San Mikiel
L-applikazzjonijiet kollha ġew approvati.

5.9 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 04127/ 10. Biex jinbena post msaqqaf għat-tinxif fuq il-maisonette eżisenti fl-ewwel sular ġo 130, Triq Geronimo Abos.

## 6. QUARTERLY FINANCIAL REPORTS APRIL- ĠUNJU/ LULJU – SETTEMBRU 2010.

6.1 Peress li l-Accountant tal-Kunsill ma' kienx preżenti din l-item tal-Agenda ġiet diferita għal-seduta oħra.

## 7. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

7.1 Is-Sur Anthony Dalli kien ordna li l-file kollu tad-Tender 2/10 Manteniment u Kostruzzjoni ta' Bankini li ġew offruti, imur għand id-Dipartiment tal-Ġvern Lokali għal verifika.

7.2 Ħabbar li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet sejra torganizza laqgħa għall-Kunsilliera kollha. Id-data kient is-Sibt 20 ta' Novembru 2010. Il-ħlas mill-Kunsill Lokali kien ta' €50.00 għal-kull Kunsillier li jinkludi kafe' u lunch.
Hu talab lil min hu nteressat biex jagħti ismu.
Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, il-Kunsillier Margaret Zammit U l-Kunsillier Ronnie Cauchi ikkonfermaw li sejrin jattendu.

7.3 Is-Sindku irrefera għal-laqgħa li kellna mal-Kap tas-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għat-Turizmu, Sur Jesmond Schembri fl-14 ta' Ottubru 2010.
Dwar l-iStorm Water Project li qiegħed jiġi ippjanat f'diversi partijiet li jestendu minn Birkirkara/Lija/ Attard/Balzan/Iklin sax-xatt ta' Ta' Xbiex, is-Sur Schembri qal li dan il-proġett Nazzjonali jaqa' taħt il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u għaldaqstant ma jistax jgħin.
Meta s-Sur Dalli staqsa fuq l-proġett tal-Multi-Purpose Pitch u Carpark ta' Triq San Mikiel ( PA 0590/09) dan mill-ewwel ikkonfermalu li l-applikazzjoni qiegħda quddiem id-DCC għal-approvazzjoni.
Infatti tlabna lid-Dipartiment ta' l-artijiet biex jibda l-proċess biex jinħareġ it-Tender għall-proġett.

7.4 Għandha ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Ħwawar fuq il-kisi bit tarmac ta' din it-triq peress li hemm xi problemi ta' dislivelli.

7.5 Għandha ssir laqgħa wkoll ma' tal-ħwienet ta' Pjazza Ninu Cremona biex niddiskutu magħhom il-proposta ta' Traffic Management ġdid f'dawn l-inħawi. Il-data ġiet stabbilita' għal-nhar it-Tnejn 8 ta' Novemberu fis-7.00pm.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi għamel l-intervent tiegħu u semma l-'build-out' ta' Triq Geronimo Abos kantuniera ma' Triq Gwann Mamo fejn qal li l-ilma qed jaqbez ir-rampa u qed jidħol għand r-residenti fil-basement tagħhom. Hu kien qed jipproponi li jew ngħollu r-rampa jew nagħmlu katusi fil-'build-out biex l-ilma jgħaddi minn taħt il-bankina.
Semma wkoll il-bankini li hemm fi Triq Dun Karm Service Road minn Triq Naxxar sa' Triq Ċensu Busuttil u qal li din qiegħda fi stat ħazin ħafna.

8.2 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.00pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

9.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |